# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXVI (G)**
**Illum it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Appell Nru 259/2000 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Bigeni**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Bigeni talli fix-xahar ta' April 2000 naqas li jaghti lil martu Rose Camilleri is-somma ta' sebghin lira (Lm70) fix-xahar iffissata mill-Qorti bhala manteniment ghaliha jew ghal uliedha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni kellu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmel Bigeni hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu hamest (5) ijiem detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Carmel Bigeni, minnu ppresentat fl-20 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' sottomissjonijiet (taht il-firma tal-Avukat Dott. Peter Fenech) tal-5 ta' Jannar, 2001 (a fol. 26 u 27 tal-atti), il-fedina penali tal-appellant, il-fedina penali ta' martu u l-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Jannar, 2001; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu identiku – hlief, naturalment, ghall-imputazzjoni – ghall-appell numru 258/2000 li qed jigi deciz ukoll illum. F'dana l-appell ukoll l-aggravju hu proprjament limitat ghall-piena, kif del resto iddikjara d-difensur ta' l-appellant fil-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Jannar, 2001. Peress li ghal dana l-appell japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet ga esposti minn din il-Qorti fis-

sentenza fl-appell numru 258/2000, a skans ta' ripetizzjoni u hela ta' zmien qed issir referenza ghal dik is-sentenza, cioe` ghas-sentenza tal-lum fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmel Bigeni***, Appell numru 258/2000.

Ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogarta mill-ewwel qorti f'din in kawza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur